**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 16 ta' Mejju 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**
**KURT GATT**

Kump Nru 92/2002

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Kurt Gatt, detentur tal-karta tal-identita numru 316082M, gie akkuzat talli bejn l-1 ta' Jannar 2002 u s-17 ta' Jannar 2002, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istes dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamilt falsfikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu jew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamilt uzu minn tali skritturi u cioe numru ta' cheques tal-Bank of Valletta b'valur ta' madwar Lm3,000 ghad-detriment ta'

GST Manufacturing Ltd., Gorg Cassar, Well Done, Ltd., Nicholsons, PIP Stores, Forestals, Ronald Aloisio u ohrajn. Kif ukoll licenzja tas-sewqan mahruga fuq isem Charlie Bonnici minn Santa Lucia. Dan bi ksur tal-Artikoli 183,184,185 u 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess cirkustanzi, iffalsifikajt ceduli jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jigbor dipozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' madwar Lm3,000 bi hsara ta' haddiehor. U dan bi ksur tal-Artikoli 308,309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa u cioe cheque book b'diversi cheques ghall-valur ta' aktar minn Lm1,000, licenzji tas-sewqan ta' terzi, kif ukoll ta' pjanca tar-registrazzjoni ta' vettura numru JAT031, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indhalt biex tbiegh jew tmexxihom. Bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-14 ta' Frar 2005 (ara *folio* 166) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 218 ) propju fl-udjenza ta` llum stess;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

Qieset li dan il-process kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija – u f'dan il-kaz jigi mfakkar li l-ammissjoni zgur ma kinitx wahda bikrija - ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala depozizzjonijiet ta' xhieda.

Il-Qorti qieset ukoll it-trapass taz-zmien li ha dan il-kaz.

Illi inoltre, qed jittiehed qies ta` dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza infurmaw lil Qorti li, wara li qiesu sew l-atti ta' din il-kawza u c-cirkostanzi kollha li jsawwru din il-kawza, fosthom izda mhux biss, it-trapass taz-zmien, huma kienu ta' l-umili opinjoni illi f'kaz ta' ammissjoni da parti ta' l-imputat, l-aktar sanzjoni idonea u indikata ghar-rizultanzi processwali hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 183, 184, 185, 186, 167, 308, 309, 310, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Kurt Gatt** hati fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kif dedotti u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` 18-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur